MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Numru. 1071/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Michael Mallia)**

**(Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi)**

**vs**

**Samuel Schembri**

**George Debono**

**Brian Baguley**

**Kumpilazzjoni Nru: 1071/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Samuel Schembri**, ta' 46 sena, iben George u Mary nee' Cassar, imwieled Hal Qormi, nhar l-1 ta' Ottubru, 1964 u residenti fil-fond numru 2A, Sqaq numru 5, Triq il-Kbira, Zebbug, u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 495464(M);

**George Debono**, ta' 38 sena, iben Francis u Josephine nee' Mifsud, imwieled Pieta', fl-10 ta' Mejju, 1973 u li residenti fil-fond numru 7, Triq il-Belt Valletta, Qormi u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 260273(M); u

**Brian Baguley**, ta' 31 sena, iben David u Jane nee' Saliba, imwieled Pieta', fl-14 ta' Gunju, 1980 u residenti fil-fond numru 17, Triq is-Sghajtar, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 292280(M).

Talli nhar id-29 ta' Awwissu, 2011, fil-perjodu ta' bejn il-hdax ta' filghodu u t-tlieta ta' wara nofsinhar, fi Triq il-Hwawar, Iklin, ikkommettew serq ta' diversi oggetti, fosthom vettura tal-ghamla Isuzu Elf bin-numru tar-registrazzjoni JAF 607, b'valur totali ta' madwar €23,000 minn gol-istabbilment Carmelo Spiteri Ltd', liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Carmelo Spiteri u tas-Socjetajiet Carmelo Spiteri Ltd, Vitruvius Ltd, u Tal-General Ltd.

Talli nhar id-29 ta' Awwissu, 2011 u fil-jiem u gimghat ta' wara din id-data, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

U aktar talli nhar id-29 ta' Awwissu, 2011 u fil-gimghat ta' wara din id-data, bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghlu bl-awtorita' taghhom innifsihom, lil xi hadd ihallas dejn jew jezegwixxu obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklu lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu jew hadu bini jew kisru l-mixi ta' jew hadu l-ilma ghalihom jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlu fi hwejjeg haddiehor.

**George Debono wahdu** akkuzat ukoll talli:

Fl-istess data, u cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijet imposti fuqu b'digriet tal-Qrati ta' Malta nhar id-19 ta' Gunju, 2008, wara li huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkomettiex reat iehor ta' natura volontarja.

**Brian Baguley wahdu** akkuzat ukoll talli:

Sar recediv  ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa gie misjub hati b'sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

**Fil-konfront ta' Samuel Schembri**:

- 261(a)(b)(c)(g), 262(1)(b), 263, 267, 276 u 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 286 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fil-konfront ta' George Debono**:

- 261(a)(b)(c)(g), 262(1)(b), 263, 267, 276 u 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 286 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 al-Ligijiet ta' Malta;
- 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fil-konfront ta' Brian Baguley:**

- 261(a)(b)(c)(g), 262(1)(b), 263, 267, 276 u 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 286 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz in ezami jirrizultaw ampjament u ftit li xejn hawn kontestazzjoni dwarhom.

Illi t-tlett imputati kienu impjegati ma' certu Carmelo Spiteri jew ma' xi kumpanija li taghha Spiteri kien direttur. Fis-sena 2008 kien hemm zmien meta Spiteri waqaf ihallas il-paga lill-imputati. Huma bdew jigru warajh ghall-hlas ta' dak li kien lilhom dovut pero baqghu minghajr sodisfazzjon. F'okkazzjoni partikolari (fit-29 ta' Awissu 2011) wara li l-imputati inutilment kienu qed jippruvaw jikkomunikaw telefonikament ma' dan Carmelo Spiteri ddecidew li jmorru il-yard li kellu l-imputat u minn hemm hadu van b'l-ghodda kollha li kien hemm fih u xi affarijiet ohra li kien fil-yard. Baqghu sejrin bil-van u dawn l-ghoddod f'garaxx li kera l-imputat Schembri ghal dan il-ghan, u f'dan il-garage hattew il-van. Il-van mbaghad hallewh f'parking area x'imkien iz-Zejtun u l-ghoddod li hadu qassmuhom bejniethom. Kien hemm kumpressur partikolari li thalla ghal ftit zmien fil-garaxx u anke inzebah.

Illi aktar tard fid-29 ta' Awissu 2011 zewg impjegati ohra ta' Carmelo Spiteri marru fil-yard u raw li l-van ma kienx hemm u li kien hemm diversi ghoddod neqsin; huma ghalhekk infurmaw lil Carmelo Spiteri u sar rapport ghand il-pulizija. Il-pulizija bdiet b'l-investigazzjoni taghha fil-kors ta' liema nghatalha CCTV recording minn apparat li kien stallat vicin tal-yard; minn dan ir-recording kienu jidhru tlett persuni li Carmelo Spiteri identifika bhala l-imputati. Il-pulizija ghalhekk arrestat lill-imputati li gew interrogati u anke rrilaxxjaw stqarrija. F'l-istqarrija taghhom l-imputati ammettew li kienu hadu l-van u l-ghoddod; il-van instab fejn kienu hallewh l-imputati li rritornaw ukoll hafna mill-ghoddod li kienu hadu.

Illi tressaqu diversi xhieda mill-prosekuzzjoni, inkluz Carmelo Spiteri, iz-zewg impjegati l-ohra li l-ewwel irrealizzaw li kienu naqsu l-affarijiet, il-pulizija kollha involuti f'l-investigazzjoni tal-kaz u l-esperti li kienu gew nominati f'l-inkjesta mizmuma dwar dan l-incident. Ghandu jigi rilevat li Carmelo Spiteri jikkonferma li kien hemm arretrati ta' paga dovuta lill-imputati u qal ukoll li

huwa qed jahfer lill-imputati ta' l-akkadut. Tnejn mill-imputati, Samuel Schembri u George Debono taw id-depozizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti u prattikament ikkonfermaw dak li qalu f'l-istqarrija.

Illi kemm minn dawn id-depozizzjoinijet, kif ukoll mill-istqarrija tat-tlett imputati tirrizulta l-ammissjoni li huma hadu l-oggetti li gew rappurtati nieqsa minn Carmelo Spiteri; huma jikkontendu pero li dan ghamluh mhux ghax ridu jisirquhom dawn l-oggetti imma biex ipacu l-ammonti dovuta lilhom minghand Spiteri.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati ghandu jigi rilevat li hemm xi diskrepanzi bejn l-imputazzjonijiet elenkati fic-citazzjoni u dawk li jirrizultaw mill-artikolu kwotati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali.

Illi dwar in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali u l-mod kif din in-nota tiddefinixxi jew tirridimensjona l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' persuna imputata, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali esprimiet ruhha hekk:

> *Meta, …., ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala*

> *awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involu f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat.*[1]

Illi ghalhekk huwa car li din il-Qorti tista' tippronunzja ruhha biss fuq dawk l-imputazzjonijiet li jirrizultaw minn-nota ta' rinviju ghal gudizju ta'l-Avukat Generali, purche kienu inkluzi ukoll fic-citazzjoni jew l-eventwali korrezzjonijiet taghha, u ghandha tiskarta dawk l-imputazzjonijiet li ma jirrizultawx mill-imsemmija nota ta' rinviju ghal gudizju.

Illi ai termini tac-citazzjoni ir-reati migjuba kontra it-tlett imputati huma dawk ta' serq aggravat, ricettazzjoni, u ragjon fattasi; fil-konfront ta'l-imputat George Debono hemm ukoll imputazzjoni dwar ksur ta' kundizzjonijiet imposti ma'l-ghoti tal-helsien mil-arrest fil-waqt li l-imputat Brian Baguley huwa addebietat ukoll bir-recidiva.

Illi ghalkemm fic-citazzjoni t-tlett l-imputati imputazzjoni huma addebietati bir-ricettazzjoni, f'l-artikoli kwotati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju m'hemmx elekat l-artikolu tal-Ligi relattiv, l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9.

Illi in konformita mal-principji generali f'dan ir-rigward jista' jidher li la darba l-Avukat Generali ma kwotax l-artikolu 334 fin-nota tieghu allura li l-Qorti ghandha tinjora l-imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni dwar ricettazzjoni.

Illi pero fil-kaz ta' ricettazzjoni ghandhom japplikaw principji differenti. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha l-opportunita tesprimi ruhha dwar dan il-punt specifiku u cioe dwar sejbin ta' htija ta' ricettazzjoni minflok ta' serq anke fin-nuqqas ta' indikazzjoni ta'l-artikolu 334 fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-

[1] Ref Il-Pulizija vs Michael Carter deciza 7 ta' Jannar 2001.

Avukat Generali. Fil-kawza Il-Pulizija vs Paul Michael Kavanagh[2] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-artikolu …., 476(2) tal-Kap. 9, gie introdott proprju sabiex ikopri cirkostanza bhal din, u fejn fl-artikolu qed isemmi att ta' akkuza, dana ghandu japplika ghan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, u fejn issemmi guri tista' tiftiehem ghall-Qorti tal-Magistrati. Dan ifisser, kwindi, illi dan l-artikolu japplika awtomatikament u m'ghandux ghalfejn ikun inkluz fil-lista tal-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali peress illi tali cirkostanzi topera ope legis u mhux necessarji jkun hemm talba ghal daqshekk mill-Avukat Generali. Dan l-artikolu jghid, "Jekk persuna, fuq akkuza ta' serq, sew jekk semplici jew ikkwalifikat, ta' xi oggett, tigi misjuba mhux hatja ta' dik l-akkuza, il-guri jista' jiddikjarha hatja ta' misapproprjazzjoni ta' dak l-oggett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oggett, jekk ikun hemm provi ta' dan ...". Hawnhekk, biex jidhol in vigore dan l-artikolu jew din ic-cirkostanza jrid jirrizulta nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija ta' serq u provi bizzejjed sabiex iwassal ghar-reat ta' misapproprjazzjoni.*

Illi din is-sentenza hija riaffermazzjoni ta' principju stabbilit fil-gurisprudenza taghna u li gie ribadiet diversi drabi mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali. Fil-fatt fis-sentenza mghotija fil-kawza Pulizija vs Diego Grixti f'l-1 ta' Dicembru 2008 dik il-Qorti esprimiet ruhha hekk dwar l-effetti ta' l-artikolu 476(2) in ezami:

> *persuna akkuzata ta' serq tista' tinstab hatja ta' approprjazzjoni indebita jew ta' ricettazzjoni (u vice versa). Ma hemmx dubbju li din ir-regola, bhar-regoli msemmija fis-subartikoli (2), (3) u (4) tal-Artikolu 467 ta'l-imsemmi Kodici, tapplika mhux biss ghall-proceduri*

---

[2] Deciza 22 ta' Novembru 2012.

*solenni quddiem il-Qorti Kriminali, izda anke ghall-proceduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati.*[3]

Illi tenut kont tas-suespost jekk imputazzjoni ta' serq migjuba kontra imputat ma tirrizultax pero jirrizultaw l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni allura l-Qorti tista', minkejja n-nuqqas ta' indikazzjoni ta'l-artikolu 334 fin-nota ta' rinviju ghal-gudizzju ta' l-Avukat Generali, issib htija ta' ricettazzjoni.

Illi dwar l-imputazzjonijiet odjerni ghandu jigi rilevat ukoll li fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta' l-Avukat Generali hemm kwotati zewg artikoli fil-konfront ta' kull wiehed mit-tlett imputati, u cioe l-artikoli 286 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 286 jipprovdi dwar pussess ta' ħwejjeġ misruqa minn persuna ġa ikkundannata fuq serq jew riċettazzjoni, fil-waqt li l-artikolu 287 jipprovdi dwar pussess mhux ġustifikat ta' flus, oġġetti ohra, jew mfietaħ, imqabblin jew iffalsifikati, jew għodod oħra tajbin għal ftuħ jew sgassar ta' serraturi minn persuna ġa ikkundannata għal serq jew għal riċettazzjoni. Fic-citazzjoni pero m'hemm l-ebda imputazzjoni relatata ma' dawn iz-zewg artikoli, il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imputazzjonijiet in kwantu jirreferu ghal dawn iz-zewg artikoli.

Ikkunnsidrat

Illi, kif diga intqal aktar 'l fuq, fil-kaz in ezami jirrizulta ampjament, u lanqas hu kontestat, li l-imputati hadu oggetti, li ma kienux taghhom imma ta' Carmelo

---

[3] Illi dwar dak enunzjat fis-sentenza Il-Pulizija vs Diego Grixti hawn fuq kwotata, il-Qorti Kostituzzjonali (fis-sentenza taghha tat-12.07.2011 mghotija fil-kawza Luke Farrugia vs l-Avukat Generali) ikkummentat hekk: "*Ghandu jigi rilevat li dak deciz fil-kaz Il-Pulizija vs Diego Grixti ma kienitx xi innovazzjoni sorprendenti ghaliex aktar minn darba il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha l-opportunita` li tapplika dispozizzjonijiet li jkunu esplicitament applikabbli ghal Qorti specifika ta' kompetenza kriminali ghal qrati ohra wkoll ta'kompetenza kriminali ghalkemm ma jkun hemm ebda dispozizzjoni legali li tirrendi l-istess dispozizzjonijiet applikabbli ghal dawk il-qrati l-ohra. Kien hemm kazijiet fejn addirittura l-Qorti tal-Appell Kriminali applikat ukoll dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghal qrati ta' kompetenza kriminali minkejja n-nuqqas ta' xi dispozizzjoni legali li kienet tirrendi dawk id-dispozizzjonijiet hekk applikabbli*".

Spiteri, minghajr il-kunsens tieghu, meta kienu jafu li kienu qed jiehdu oggetti li mhumiex taghhom. Il-punt in kontestazzjoni huwa jekk il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta' ragjon fattasi jew fir-reat ta' serq ghaliex dak li m'hemmx qbil fuqu f'din il-kawza huwa l-element intenzjonali.

Illi dwar l-elementi tar-reati ta' serq u faggjon fattasi, u d-differenza f'l-element intenzjonali f'dawn iz-zewg reati sar ezami approfondit mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs John Galea et[4]. Wara li dik il-Qorti rriaffermat li l-elementi materjali tar-reat ta' serq huma il-*contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino*, dwar il-hames element u cioe dak intenzjonali qalet hekk:

> *... kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Taghna l-intenzjoni li taghmel xi qliegh tikkostitwixxi l-intenzjoni specifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu l-oggett , imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh. Kif jghid il-Carrara "il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."Il-Professur Sir Anthony Mamo jispjega hekk: "The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...." Il-Professur Mamo izid jelabora "..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because he restores the thing) ... the crime of theft juridically*

[4] Deciza 30 ta' Janar 2003.

*continues to subsist , inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases". Pero l-istess awtur ikompli jghid li: "**The "animus lucrandi" is also negatived if the thing is taken and carried away in the exercise of a pretended right , in which case you may have in appropriate circumstances , the offence under section 84 (illum Section 85) of the Criminal Code**" L-istess jghid MAINO: "**Se la sottrazione della cosa altrui e' commessa o per pagarsi di un credito, o per compensarsi di un danno, o per esercitare sulla cosa un diritto ancorche' controverso, esula dal fatto, per comune consenso degli scrittori e pel concetto dell'articolo in esame, l'imputabilita' a titolo di furto**."u "Ricorrendo gli altri estremi voluti dall'art 235 cod. pen. **, non sara' dunque applicabile il-titolo di furto, ma quallo di ragion fattasi a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o garantirsi del suo credito a chi sottragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto**[5]; e cio' perche' in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto, sostituendo al proposito di procurarsi un illecito profitto (n.1843) quello di evitarsi un danno."*

*..... ..... ......*

*Illi mbaghad, kif gie ritenut minn din il-Qorti, l-elementi kostituttivi tar-reat ta' ragjon fattasi kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kap.9 huma erbgha u cioe'*

*a) att estrem li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor;*

*b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt;*

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*c) il-koxjenzja fl-agent li hu qed jaghmel "di proprio braccio" dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika ; u*

*d) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghal-kaz in ezami huwa car li l-agir ta'l-imputati jista' jinkwadra ruhu fir-reat ta' ragjon fattasi u mhux ta' serq. Ex admissis meta huma hadu l-oggetti appartenenti lil Spiteri huma ghamlu dan ghax kienu hadu l-impressjoni li Spiteri qed jevitahom u li ma kienx ser ihallashom il-paga li kienet dovuta lilhom ghalhekk hadu dawk l-oggetti biex *di propio braccio* jottjenu hlas tal-kreditu taghhom.

Ikkunsidrat

Illi fil-konfront tat-tlett imputati ngiebet ukoll l-imputazzjoni dwar ricettazzjoni; ghalkemm m' hemm l-ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens huwa car li din l-imputazzjoni ingiebet bhala alternattiva ghall-imputazzjoni dwar serq.

Illi kif diga ntqal mill-provi prodotti jirrizulta li l-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni jinkwadraw ruhhom fir-reat ta' ragjon fattasi u mhux ta' serq; ghalhekk lanqas ma tista' tirrizulta l-imputazzjoni dwar ricettazzjoni.

Ikkunisdrat

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li originarjament l-imputati ma gewx addebietat bir-reat ta' ragjon fattasi imma kienet intalbet korrezzjoni fic-citazzjoni waqt l-udjenza mizmuma f'l-4 ta' Novembru 2013 permezz ta'liema korrezzjoni inzdiedet l-imputazzjoni dwar ragjon fattasi. Dak in-nhar regghet inqrat ic-citazzjoni u rega' sar l-ezami ta'l-imputati. Konsegwentement jirrizulta li l-imputati gew addebietati bir-reat ta' ragjon fattasi dak in-nhar li regghet inqrat ic-citazzjoni u cioe nhar l-4 ta' Novembru 2013.

Illi l-piena ghal dan ir-reat hija ta' prigunerija minn xahar ghal tlett xhur, konsegwentment ai termini ta'l-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dan ir-reat taqa' bi preskrizzjoni b'l-gheluq ta' sentejn. Il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew nhar id-29 ta' Awissu 2011[6]; l-imputati gew addebietati bir-reat ta' ragjon fattasi nhar l-4 ta' Novembru 2013, u cioe wara d-dekors tas-sentejn stipulati f'l-artikolu 688(e) hawn imsemmi.

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li r-reati ta' serq u ragjon fattasi huwa reati separati u distinti; fil-fatt fis-sentenza kwotata aktar 'l fuq Il-Pulizija vs John Galea et il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk

> *...... ghalkemm jidher li r-reat li tieghu kellhom jigu akkuzati bih u misjuba hatja tieghu kien dak kontemplat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti pero' ma tistax issibhom hatja tieghu ghax mhux reat kompriz u involut fir-reat ta' serq , imma hu reat ghal kollox differenti taht titolu separat tal-Kodici Kriminali*.

Illi tenut kont ta' dan, tenut kont li ghalkemm il-proceduri odjerni gew inbdew fit-22 ta' Novembru 2011 iz-zieda tar-reat kontemplat f'l-artikolu 85 giet notifikata lill-imputati (permezz tal-qari mil-gdid tac-citazzjoni) nhar l-4 ta' Novembru 2013 huwa car li l-azzjoni fir-rigward ta' l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati in kwantu tirreferi ghar-reat ta' ragjon fattasi hija preskritta.

Ikkunsidrat

---

[6] Ghandu jigi rilevat li l-imputazzjoni tghid "fid-29 ta' Awissu 2011 u fil-gimghat ta' wara"; pero minkejja dak li tghid l-imputazzjoni dak li ghamlu l-imputati u li jista' jikkostitwixxi reat sehh biss fid-29 ta' Awissu 2011.

Illi fil-konfront ta’ kull wiehed mill-imputati George Debono u Brian Baguely ingiebet ukoll l-imputazzjoni ohra: ksur ta’ kundizzjonijiet imposti ma’l-ghoti tal-helsien mill-arrest u recidiva rispettivament.

Illi sejbin ta’ htija f’dawn l-imputazzjonijiet jiddependi necessarjament fuq sejbin ta’ htija fir-rigward ta’ xi wahda jew aktar mill-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghhom. La darba l-imputati mhux qed jinstabu hatja ta’ xi wahda mill-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghhom dawn l-imputazzjonijiet issa in ezami ma jistghux jirrizultaw.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’l-imputazzjoniijiet elenkati fil-paragrafi 2, 6 u 11fin-nota ta’ rinviju ghal-guduzzju ta’l-Avukat Generali u fil-waqt li tiddikjara t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputati (dik dwar ragjon fattasi) preskritta, ma ssibx lill-imputati hatja ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghhom u tilliberahom minnhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------